# ID-DAWL

FRAR 2020

WWW.AHMADIYYA.MT

NUMRU 26

"U huma (in-nisa) għandhom drittijiet simili u ugwali għal dawk (tal-irġiel) fl-ekwità."



L-Għemil it-Tajjeb | Il-Koran u l-Ġustizzja | Drittijiet għan-Nisa | X'inhi l-Moralità?

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# L-GĦEMIL IT-TAJJEB U MHUX IL-ĦAŻIN

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

"Fuq Dak li jżomm ħajti f'idejh, jeħtieġ tħeġġu (*lin-nies*) jagħmlu t-tajjeb u ma tħalluhomx jagħmlu l-ħażin, għaliex inkella aktarx li Alla jibagħtilkom kastig mingħandu. Imbagħad, arakom issejħulu u tibqgħu mingħajr tweġiba." (*Tirmiżi*)

"Dawk li jżommu mal-limiti ta' Alla u dawk li jiksru dawn il-limiti huma bħal nies li qatgħu x-xorti biex jaraw kif se joqogħdu f'dgħajsa. Uħud minnhom messithom in-naħa ta' fuq tad-dgħajsa, filwaqt li oħrajn messithom in-naħa t'isfel. Kull darba li dawk t'isfel iridu jixorbu, ikollhom jgħaddu minn ħdejn dawk ta' fuqhom. Għalhekk jgħidu: 'Jekk intaqqbu toqba fin-naħa tagħna tad-dgħajsa, ma ndejqux lil ta' fuqna.' Jekk (*dawk ta' fuqhom*) iħalluhom jagħmlu dan, jintilfu lkoll, filwaqt li jekk iżommuhom, kulħadd jeħles mill-għarqa." (*Bukhari*)

## ID-DAWL

Frar 2020 – Numru 26 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401 | **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

Enjoining good 2
Holy Quran and justice 3
Equal rights for women 4
The definition of morality 6
Extreme attitudes about veil 7
One virtue leads to another 8

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Indirizz: Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira**
**Il-Qoxra:** Shutova Elena | Shutterstock

# IL-KORAN U L-ĠUSTIZZJA

Il-ġustizzja hija valur u prinċipju li tista' toħloq ambjent paċifiku li jista' joħloq soċjetà tolleranti u armonjuża. L-Iżlam bħala reliġjon jiffoka ħafna fuq il-ġustizzja f'kull livell tas-soċjetà. Hawn taħt qegħdin nippreżentaw xi versi mill-Koran Imqaddes dwar dan is-suġġett.


M-SUR - Shutterstock

"Ċertament li l-għemejjel ġusti jwarrbu lill-għemejjel inġusti. Din hija nota ta' tfakkira għal dawk li se jiftakru." (Il-Koran, 11:115)

"U r-rikompensa ta' xi inġustizzja trid taqbel mal-gravità ta' dik l-inġustizzja; iżda min jaħfer u l-azzjoni tiegħu ġġib ir-riformazzjoni, dan ikun ippremjat minn Alla. Bla dubju ta' xejn, Huwa ma jħobbx lil dawk li jwettqu l-ħażin." (42:41)

"Bla dubju, Alla mhux se jiġġudika lil xi ħadd ħażin lanqas bil-piż ta' atomu. U jekk jitwettaq għemil tajjeb, Huwa se jkattru u jagħti Minnu nnifsu premju kbir." (4:41)

"Għal dawk li jwettqu għemejjel tajbin, se jkun hemm l-aqwa premju u aktar benedizzjonijiet. La d-dlam u lanqas id-diżunur ma jgħattu lill-uċuħ tagħhom." (10:27)

"U għal dawk li jwettqu għemejjel ħżiena, il-kastig tal-att inġust ikun daqs l-att innifsu, u d-diżunur jgħattihom." (10:28)

# DRITTIJIET UGWALI GĦAN-NISA

Tisimgħu tant fuq il-moviment ta' liberazzjoni tan-nisa u fuq id-drittijiet tagħhom, eċċ. L-Iżlam jitħaddet fuq prinċipju fundamentali komprensiv, li jkopri s-sitwazzjonijiet kollha:

*"U huma (in-nisa) għandhom drittijiet simili u ugwali għal dawk (tal-irġiel) fl-ekwità. Iżda l-irġiel għandhom ħarira vantaġġ fuqhom (bħala kapijiet tal-familji). U Allah huwa Setgħani u Għaqli."*

(Il-Koran, 2:229)

*U huma (in-nisa) għandhom drittijiet simili u ugwali għal dawk (tal-irġiel) fl-ekwità*; (jiġifieri, għan-nisa, hemm eżattament drittijiet bħal tal-irġiel, hekk kif l-irġiel għandhom id-drittijiet fuq in-nisa. B'hekk hemm ugwaljanza totali u għalhekk m'hemm l-ebda differenza bejn id-drittijiet fundamentali tan-nisa u tal-irġiel.) *Iżda l-irġiel għandhom ħarira vantaġġ fuqhom (bħala kapijiet tal-familji). U Allah huwa Setgħani u Għaqli.* [Il-Koran, 2:229]

F'parti oħra ta' kwotazzjoni mill-Koran Imqaddes, insibu:

*L-irġiel huma maħtura bħala għassiesa fuq in-nisa għaliex b'rispett ta' dan Allah għamel lil xi wħud minnhom aħjar minn oħrajn minkejja l-fatt li huma jonfqu minn ġidhom.* [Il-Koran, 4:35]

Mill-kelma Għarbija *Qawwamun* (għassiesa b'responsabbiltà li jżommu l-persuni taħt il-kura tagħhom fit-triq it-tajba), xi *ulamas* (għorrief tar-reliġjon) b'ideat antikwati kkonkludew u sostnew li l-irġiel għandhom ċerta superjorità fuq in-nisa iżda dan il-vers jirreferi biss għall-vantaġġ li min jaqla' l-għajxien



FrankHH - Shutterstock

tal-familja għandu fuq id-dipendenti tiegħu. B'hekk, il-kustodju jkun aktar kwalifikat biex jagħmel pressjoni morali fuq il-persuni taħt il-kura tiegħu ħalli dawn jibqgħu fit-triq it-tajba.

**Fejn jidħlu d-drittijiet bażiċi tal-bniedem, bl-ebda mod m'hemm referenza li n-nisa mhumiex ugwali jew li hemm superjorità tal-irġiel fuq in-nisa.**

L-aħħar parti tal-kwotazzjoni tagħmel aċċenn għall-vantaġġ imsemmi aktar 'il fuq u tagħmilha ċara li minkejja dan il-vantaġġ, id-drittijiet fundamentali tan-nisa huma eżattament bħal tal-irġiel. L-ittri Għarab *wa* għandhom jiġu tradotti bħala 'minkejja l-fatt li' jew 'waqt' u f'dan il-kuntest jidhru li huma l-uniku traduzzjoni korretta.(i)

(i) Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh] (1928-2003), *Islam's Response to Contemporary Issues*, p.93-94

# ID-DEFINIZZJONI TA' MORALITÀ

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], il-Messija Mwiegħed, il-Maħdi u l-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya, jikteb:

"Il-moralità ma tfissirx biss li titkellem b'mod ġentili jew tuża kliem ħlejju. Lanqas xejn. Fil-fatt, il-kuraġġ, il-ġenerożità, il-maħfra, kull abbiltà mogħtija lill-bniedem, huma fil-verità abbiltajiet morali. L-użu xieraq tagħhom huwa dak li jagħmilhom kwalitajiet morali. Saħansitra r-rabja, meta tkun espressa f'okkażjoni adattata, għandha spirtu ta' moralità...


2009fotofriends - Shutterstock

Il-moralità tfisser li l-fakultajiet kollha li Alla Gglorifikat ta lill-bniedem jintużaw f'post u ħin xieraq. Pereżempju, il-bnedmin ingħatalhom l-għerf. Issa jekk xi ħadd li ma jifhimx

f'qasam partikolari jkollu bżonn il-parir ta' xi ħaddieħor li huwa midħla ta' dak l-istess qasam, il-moralità titlob li tal-aħħar joffri l-għajnuna sħiħa tiegħu u jagħti parir sinċier lill-persuna li għandha bżonn bis-saħħa tal-għerf akkwistat tiegħu. In-nies ma tantx jagħtu kas ta' dawn l-affarijiet u jgħidu li m'għandhom xejn x'jitilfu; ħalli l-persuna l-oħra ssofri.  Din hija azzjoni dijabolika.

Huwa inuman għal individwu li jara lil ħaddieħor qed jinqered u ma jkunx lest li jagħti l-għajnuna tiegħu. Le, fil-fatt, wieħed għandu jisma' lill-persuna l-oħra b'attenzjoni u stima sħiħa, u jagħti l-għajnuna neċessarja li wieħed ikollu bżonn, skont l-għerf u fehim ta' dak li jkun."(i)

## ATTITUDNIJIET ESTREMI DWAR IL-VELU

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], il-Messija Mwiegħed, il-Maħdi u l-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya, jikteb:

"In-nies adottaw attitudnijiet estremi rigward il-velu. L-Ewropa marret fl-estrem meta abolixxiet kompletament il-velu u issa xi naturalisti wkoll jixtiequ jagħmlu l-istess, filwaqt li huwa evidenti li dan il-libertinaġġ fetaħ beraħ il-bibien tal-vizzji fl-Ewropa.

Min-naħa l-oħra, xi Musulmani jmorru fl-estrem l-ieħor u lanqas iħallu lin-nisa tagħhom joħorġu minn djarhom, għalkemm ħafna drabi huwa neċessarju li dawn jivvjaġġaw jew joħorġu biex jaqdu l-bżonnijiet tagħhom. Aħna nemmnu li dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet huma t-tnejn ħżiena."(ii)

(i) *Malfużat*, vol. 1, p. 289-290   (ii) *Malfużat*, vol. 6, p. 322

## VIRTÙ WAĦDA TWELLED OĦRA

"Aħsbu u taraw kif virtù waħda twelled oħra, u bl-istess mod, il-ħażen iwassal għal aktar ħażen. Hekk kif ħaġa tattira oħra, bl-istess mod, Alla l-Omnipotenti ħoloq fenomenu ta' attrazzjoni fil-każ ta' kull azzjoni wkoll. Għalhekk, meta persuna tħoss li għandha tkun ħanina ma' tallab u tkun qed tagħti 'karità b'morali tajba', l-istat ta' tidjiq spiritwali (*qabz*) jitneħħa u l-persuna involuta titqanqal biex twettaq azzjoni oħra tajba wkoll, f'dan il-każ li tagħti xi ħaġa lit-tallab."

(Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], il-Messija Mwiegħed, *Malfużat*, vol. 1, p. 354)

## MARA FQIRA

Mara xiħa fqira, li kienet tgħix ġewwa Medina, kienet tiknes Masjid-i-Nabawi (il-Moskea tal-Profeta).

Meta l-Qaddis Profeta Muħammad (il-paċi tkun fuqu) ma rahiex għal xi ġranet, huwa staqsa lill-kumpanni tiegħu jekk kinitx ma tiflaħx.

Il-kumpanni ammettew li kienet mietet wara marda qasira u billi ħasbu li se jitnikket, ma infurmawhx meta sar il-funeral tagħha.

Huwa ddispjaċieh ħafna u lmenta li ma kinux infurmawh bil-mewt tagħha. Imbagħad huwa telaq biex iżur il-qabar tagħha u talab għal ruħha.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**